Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 16/2015

**Elia Balzan**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta li fil-mori tal-proceduri saret Enemalta plc**

28 ta' Marzu, 2017.

1. B'decizjoni tat-8 ta' Mejju, 2016, it-Tribunal tal-Arbitragg iddecieda li:

   i. L-intimata kienet gustifikata li taqta' s-servizz tad-dawl fil-proprjetajiet in kwistjoni;
   ii. Is-somma ta' €19,694.01 kienet dovuta lill-intimata fir-rigward ta' arretrati ta' kontijiet u kkundanna lill-appellant ihallas dik is-somma bl-imghax mid-data tal-fatturi;

2. Ir-rikorrent appella mis-sentenza.

3. L-intimata wiegbet u argumentat li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni konfermata.

4. **<u>L-ewwel aggravju.</u>**

   Dan l-aggravju jitratta dwar il-kontijiet relatati mal-fond 58, Zurrieq Road, Birzebbugia. L-appellant isostni li mill-provi kien irrizulta li kien hemm zewg proprjetajiet b'dan l-indirizz, li wiehed minnhom hu proprjeta tal-klabb St Peters ta' Birzebbugia. Kompla li l-kont fir-rigward tal-fond tieghu kien biss ta' Lm26 u ghalhekk ma kienx gustifikat li jigi sospiz is-servizz minhabba li seta kien hemm kontijiet ohra pero' fir-rigward tal-fond l-iehor bin-numru 58. Ikkonkluda l-argument billi qal li hu xehed b'mod konsistenti u dak li qal gie konfermat minn xhieda ohra.

   Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

   *"Hu jghid illi kien hemm zewg fondi bin-numru 58 f'dik it-triq li wiehed minnhom kien tassew tieghu imma l-iehor ma kienx. S'hawn gja l-istorja hi stramba u tisfida l-immaginazzjoni. Izda apparti illi x-xhieda kollha li ngiebu ma setghux jikkonfermaw l-ezistenza ta' dan il-fond fantazma ossija tan-numru fantazma, irrizulta illi dak il-fond indikat mir-rikorrent bhala l-fond li holoq l-inkwiet kollu u li llum huwa mikri ghand Birzebbugia St Peter's Football club, ma jidher li qatt ma kien moghni b'servizz tad-dawl u am kien hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm arlogg tad-dawl fih"*.

F'dan ir-rigward Anthony Azzopardi, segretarju tal-kabb xehed li xtraw il-fond numru 58, Zurrieq Road, Birzebbugia fis-sena 2003 u:

*"Meta hadna l-pussess ta' dan il-fond li nuzaw bhala store u dan jikkonsisti f'zewgt ikmamar fil-livell tat-triq ma kien hemm meters, la tad-dawl u lanqas tal-ilma. Dak mill-vendituri li konna nnegozjajna mieghu kien qalilna li ma hemmx pendenzi ta' dawl u ilma".*

*"Illum ghandna meter tal-elettriku li gibnih fl-2010, u ghandu l-kont numru 411000008929".*

Joseph Mangion, President tal-klabb, xehed:

*"Xi snin ilu kien kellimni Elia Balzan li qalli li ghandu problema b'xi kontijiet. Qalli li rridu naraw x'hemm fil-58 u jien ghidtlu m'hemmx x'tara.* ***Ghidtlu hekk ghax kien ghad m'hemmx meter.*** *Naf li Elia kellu hanut fuq l-istess naha tal-istess triq. Ma nafx in-number".*

Stephen Ellul, ufficjal tal-appellata, xehed li l-files imorru lura ghas-sena 1996 u l-uniku file li kellhom dwar il-fond bin-numru 58, kien Lillu garaxx li hu tal-appellant.

Hu minnu li l-appellant qal li fuq dan il-fond kien hemm biss kont ta' Lm26, pero' hemm biss il-kelma tieghu. Hekk per ezempju ma pprezentax xi kont mahrug mill-appellata b'dik ic-cifra.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal tal-Arbitragg kellu kull dritt jasal ghal konkluzjoni li l-kontijiet li hargu fuq il-fond numru 58, kienu jirrigwardaw il-fond tal-appellant u li ghaldaqstant ma kienx dejn ta' terzi.

5. **<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

L-appellant ghamel riferenza ghar-regolament 67 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (L.S. 423.01), li jipprovdi:-

*"jekk kont jew talba ghall-hlas, debitament prezentata lill-konsumatur, ma tithallasx* ***fi zmien erbatax-il jum minn mindu tigi pprezentata****, jew* ***jekk id-depozitu methieg skont ir-regolament 8 ma jsirx fi zmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba****, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont iehor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tigi sospiza minghajr ma jinghata ebda avviz minn qabel".*

L-appellant isostni li l-appellata naqset milli tipprezenta l-ittri li suppost intbaghatu qabel ma nqata' s-servizz. Ghaldaqstant, l-appellata ma kellhiex dritt li tissospendi s-servizz.

It-Tribunal tal-Arbitragg qal li mhux kontestat ir-rifjut tal-hlas, u ghalhekk ir-regolament gie applikat b'mod korrett.

Kull ma jitlob ir-regolament hu li l-hlas ma jkunx sar fi zmien 14 il-gurnata mid-data li jigi pprezentat. F'dan il-kaz kontijiet kienu qeghdin jinhargu. L-appellant stess xehed li l-kontijiet fir-rigward tal-fond 58, Lillu *"(....) nircievi l-kontijiet tieghu regolarment"*. Gialadarba rrizulta li kontijiet kienu qeghdin jintbaghatu, mela l-appellata kellha skont il-ligi l-jedd li tissospendi s-servizz.

6. **<u>Tielet Aggravju.</u>**

L-appellant jilmenta li minkejja s-servizz gie sospiz, xorta baqghu jizdied id-dejn. Ir-rikonvenzjoni giet bazata fuq seba' kontijiet li jsejhu lill-appellanti jew lill-mara tieghu, liema kontijiet huma kollha minghajr servizz ghajr ghal kont wiehed ta' Farmhouse in Alley, Triq Dun Vincenz Fenech, Birzebbugia. Madankollu l-appellata xorta baqghet tohrog kontijiet bhala *estimates* u kontijiet ta' kera tal-meters. Dwar dan l-aggravju rrefera ghal dak li xehedu Audrey Ellul u John Saliba li huma ufficjali tal-appellata.

It-Tribunal tal-Arbitragg qal li l-appellata kienet ipprezentat kontijiet ghas-somma ta' €26,208 (ara pagna 15 tal-lodo) u:

*"Dawn il-kontijiet ma gewx ikkontestati in kwantu l-korrettezza taghhom u ghalhekk fin-nuqqas ta' dan iridu jitqiesu bhala korretti u juru l-bilanc dovut meta dahlet il-kontro-talba. Izda billi l-istess kontrotalba tissofferma fuq somma icken u cioe' dik ta' dsatax-il elf, sitt mija erbgha u disghin Euro u cent wiehed (€19,694.01), l-arbitru u sottofirmat ma jistax jillikwida somma ikbar ghaliex din tigi ultra petita"*.

Effettivament mit-twegiba li l-appellant ipprezenta b'riferenza ghar-rikonvenzjoni, jirrizulta li hu kien qieghed jikkontesta l-hlas mitlub mill-appellata. Fil-fatt fit-tieni eccezzjoni ddikjara: *"2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv w ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta ghandha ggib il-prova tal-valur minnha mitlub"*. Fil-kors tal-proceduri l-appellata ma tat l-ebda rendikont ta' kif waslet ghas-somma ta' €19,694.01. Mill-istatement li pprezentat Audrey Ellul (seduta 25 ta' Jannar, 2013) li jikkoncernaw seba' proprjetajiet, it-total hu €26,208. Ix-xhud qalet:

*"Il-kontijiet li ezebejt huma 'to date' u dan minhabba illi l-kont tal-meter jibqa' ghaddej, minkejja l-qtugh tas-servizz. L-ahhar kontiijet huma kollha 'no reading' u dan ifisser illi jkun mar il-meter reader u ma jkun fetahlu hadd"*.

John Saliba, ufficjal iehor tal-appellata, xehed:

*"Mis-sena 2008, dak li qabel kien meter rent, gie riklassifikat bhala service charge skont avviz legali. Sakemm meter ikun ghadu mwahhal fil-post, anke jekk is-servizz ikun gie sospiz, il-meter rent jibqa' dovut. Meta sar it-tibdil minn meter rent ghal Service charge, ma hemm dovut dwar il-meter, anki jekk il-meter ikun baqa' mwahhal ghand is-suscriber. Dan ifisser illi fil-kaz ta' qtugh tas-servizz dak li jissejjah service charge ikun 0"*.

Mid-dokumenti li pprezentat Audrey Ellul u notamenti li hemm fuqhom jirrizulta li fir-rigward ta':

i. Patricia, Triq Dun Vincenz Fenech, B'Bugia – is-servizz inqata' fit-13 ta' Ottubru, 2009;
ii. Lucky Hall, Triq Birzebbugia, B'Bugia – is-servizz inqata' fit-2 ta' Jannar, 2006;
iii. 51, Triq taz-Zebra, B'Bugia – is-servizz inqata' fil-11 ta' Frar, 2012;
iv. 18, Triq iz-Zurrieq, B'Bugia – is-servizz inqata' f'Jannar 2011.
v. 58, Lillu, Triq iz-Zurrieq, B'Bugia – is-servizz inqata' fit-8 ta' Ottubru, 2007.
vi. Farmhouse H in Alley, Triq Dun Vincenz Fenech – B'Bugia – ma jirrizultax li s-servizz inqata'.
vii. 60, Triq it-Tankijiet, B'Bugia – servizz inqata' fis-17 ta' Settembru, 2004.

Mill-istess dokumenti hu evidenti li wara li nqata' s-servizz, l-appellata baqghet tohrog kontijiet ghall-perjodi ta' wara. Wara li ezaminat id-dokumenti, il-qorti hi tal-fehma li:

i. L-appellata ma ggustifikatx ghalfejn ghall-perjodi wara d-data ta' qtugh tas-servizz, kienet intolata ghal xi hlas fuq is-seba' kontijiet.
ii. Wiehed jista' jargumenta li wara d-data ta' qtugh tas-servizz, ghall-perjodi ta' wara xorta kien hemm il-*meter rent*. Pero' l-qorti ma tarax li ghandha tithallas il-kera gialadarba l-konsumatur ma kellux is-servizz tal-elettriku. Il-konsumatur kien jikri l-meter biex ikollu s-servizz tal-elettriku, sabiex b'hekk il-Korporazzjoni tkun taf x'konsum hemm. Pero' ladarba s-servizz tal-elettriku kien inqata', allura l-konsumatur m'ghandux jigi mgieghel ihallas ghall-kera tal-meter li ma kien qieghed jaqdi l-ebda funzjoni. Hu veru li l-meter baqa' fil-pussess tal-klijent, pero' ma jirrizultax li l-appellata hadet xi passi sabiex tirtirah. Hu veru li John Saliba xehed, *"Sakemm meter ikun ghadu imwahhal fil-post, anke jekk is-servizz ikun gie sospiz, il-meter rent jibqa' dovut"*. F'dan ir-rigward l-appellata m'ghamlitx riferenza ghal xi regolament li jipprovdi hekk. Jekk ix-xhud kien qieghed jalluda ghar-regolament 72 tal-Ligi Sussidjarja 423.01, il-qorti ma taqbilx in kwantu hi tal-fehma li dak ir-regolament qieghed jipprospetta s-sitwazzjoni fejn ikun ghad hemm is-servizz tal-elettriku.
iii. Ghal dak li jirrigwarda l-meter charge, jidher li l-Korporazzjoni qeghda taccetta li m'hijiex dovuta minn meta nqata' s-servizz (ara deposizzjoni ta' John Saliba).

Ghaldaqstant, mid-data tas-sospensjoni tas-servizz f'kull fond l-appellata ma kellhiex jedd tibqa' tohrog kontijiet ghall-perjodi ta' wara. Li ghandha jedd hu ghall-arretrati tal-kontijiet sad-data li fil-fond partikolari kien ghad hemm is-servizz.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li l-qorti rat id-dokumenti li pprezentat Audrey Ellul, tiddikjara li l-ammonti dovuti lill-appellata huma s-segwenti:

i. Patricia, Triq Dun Vincenz Fenech, B'Bugia – €141.17;
ii. Lucky Hall, Triq Birzebbugia, B'Bugia – €381.25;
iii. 51, Triq taz-Zebra, B'Bugia – €4,079.39;
iv. 18, Triq iz-Zurrieq, B'Bugia – €2,252.11.
v. 58, Lillu, Triq iz-Zurrieq, B'Bugia – €2,220.96.
vi. Farmhouse H in Alley, Triq Dun Vincenz Fenech – B'Bugia – €2,501.25.
vii. 60, Triq it-Tankijiet, B'Bugia – €557.91.

TOTAL – **tnax-il elf mija u erba' u tletin ewro (€12,134)**.

7. **Raba' Aggravju**.

Ir-rikorrent isostni li t-talba rikonvenzjonali tal-intimata, hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Din l-eccezzjoni nghatat fl-istadju tal-appell. Eccezzjoni li ma tistax tirnexxi gialadarba fit-twegiba ghar-rikonvenzjoni r-rikorrent iddikjara li l-ammont pretiz hu eccessiv (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-qorti fl-ismijiet **Windsor Co. Ltd vs Fithome Ltd**, tat-3 ta' Ottubru, 2008). Hu veru li t-tieni eccezzjoni ghar-rikonvenzjoni taqra:

*"2) **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost**, l-ammont mitlub huwa eccessiv w ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta ghandha ggib il-prova tal-valur minnha mitlub"*.

Madankollu kif intqal fis-sentenza fuq imsemmija, minkejja li fl-eccezzjoni ddikjara *'minghajr pregudizzju'*, l-intimat xorta gie li rrinunzja ghall-preskrizzjoni.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel, tieni u raba' aggravji.**
2. **Tilqa' t-tielet aggravju u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg fis-sens li:**
   (a) **Tilqa' t-tieni eccezzjoni ghar-rikonvenzjoni li t-talba tal-appellata hi eccessiva.**
   (b) **Tilqa' t-talba rikonvenzjonali tal-appellata limitatament ghas-somma ta' tnax-il elf mija u erba' u tletin ewro (€12,134) u ghalhekk tikkundanna lill-appellant sabiex ihallas din is-somma lill-appellata**.
3. **Spejjez tal-ewwel istanza in kwantu relatati mat-talbiet tal-appellant huma kollha a karigu tieghu. Spejjez tar-rikonvenzjoni**

**jinqasmu in kwantu ghal 60% a karigu tal-appellant u 40% a karigu tal-appellata.**

4. **Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-appellant u 25% a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.